**Gunju 2007**

# Abbozz ta’ Politika dwar l-Energija ghal Malta

## Arja aktar nadifa, investiment fl-ekonomija u aktar sigurta ghal pajjizna

## Introduzzjoni

F’dinja aktar miftuha, b’kompetizzjoni ekonomika qawwija u b’tellieqa minghajr hniena ghal rizorsi energetici dejjem aktar f’domanda ma jistghax jonqos li pajjiz bhal Malta isib ruhu f’periklu li jitkaxkar mal-mewg waqt illi l-gganti jikkontrollaw is-swieq ta’ l-energija. Il-kwalita tal-hajja tiddependi minn uzu bil-ghaqal ta’ dawn ir-rizorsi. Dan –abbozz ta’ politika energetika joffri miri prattici li jistghu jintlahqu fuq medda ta’ hames snin. Hija l-vizjoni ta’ Alternattiva Demokratika ghal gejjieni fejn ir-rizors prezzjuz ta’ l-energija jintuza bl-ahjar mod possibbli. Aktar ma l-energija tintuza bil-ghaqal aktar jinholoq gid, aktar mill-valur mizjud jibqa’ fil-pajjiz, u bl-incentivar ta’ industriji ibbazati fuq l-izvilupp ta’ teknologiji li jiggeneraw energija nadifa jew teknologiji li jaghmlu uzu ahjar mill-energija aktar jinholqu impjiegi.

## Ir-ragunijiet ghall-bidla

Il-bzonn li pajjizna jnaqqas mid-dipendenza tieghu fuq l-energija miz-zejt dejjem qed isir aktar urgenti u importanti. Ir-ragunijiet huma varji.

- Arja aktar nadifa hija l-aktar raguni ovvja. Huwa fatt maghruf sew li l-incidenza ta’ mard respiratorju fil-pajjiz hija gholja, ghaldaqstant tnaqqis fil-hruq ta’ prodotti taz-zejt jghin sabiex intaffu wahda mill-kawzi ta’ din il-problema. Arja aktar nadifa tisser nies aktar b’sahhithom – il-gwadann anke ekonomiku minhabba anqas mard mhux ta’ min jissottovalutah.
- Is-sigurta u l-ekonomija tal-pajjiz– id-dipendenza assoluta fuq zejt importat tfisser li pajjizna huwa ghal kollox dipendenti fuq pajjizi ohra; prezzijiet dejjem joghlew u krizijiet f’zoni tad-dinja minn fejn jorigina z-zejt ipoggi l-ekonomija taghna ostagg ta’ regjuni instabbli tad-dinja. It-theddida li jinghalaq is-sors ta’ gass li jissupplixxi pajjizi tal-Lvant ta’ l-Ewropa mir-Russja jikxef il-periklu u l-prekarjeta ta’ ekonomija li tiddependi ghal kollox minn haddiehor ghas-sors ta’ energija taghha.
- L-impatt tal-prezzijiet taz-zejt fuq in-negozju, u allura fuq il-konsumatur – il-prezzijiet ta’ sorsi ta’ energija konvenzjonali jiddependu mis-suq, b’tibdil kbir fil-prezzijiet li jaghmel l-ippjanar ta’ l-infieq tan-negozji difficli jekk mhux impossibbli. Il-margini tal-profitt tan-negozji f’Malta ittieklu mhux hazin minhabba f’hekk. Diversifikazzjoni fis-sorsi ta’ l-energija u aktar efficjenza fl-uzu ta’ l-energija ghandu jghin jistabilizza l-prezzijiet ta’ l-energija kemm ghan-negozji, kif ukoll ghall-konsumatur.
- It-tibdil fil-klima – ghalkemm jista’ jqum l-argument li Malta ma tantx tikkontribwixxi ghal gassijijiet li jikkawzaw tibdil filo-klima, bhala gzira ghandna nkunu konxji mill-problemi ekonomici u socjali li tibdil accelerat fil-klima jgib. Ir-rapport Stern, ikkommisjonat mill-gvern tar-Renju Unit jghid b’mod car li ghandna innaqqsu d-dipendenza fuq iz-zejt ghax jaqbel lilna u ghax jaqbel ghall-generazzjonijiet futuri.

Mill-ewwel tqum il-kwestjoni ta' finanzjament ta' politika energetika li taghti spinta lil sorsi rinovabbli ta' energija. Il-generazzjoni ta' l-elettriku fil-power station biss (minghajr l-ispejjes ta' distribuzzjoni) huwa stmat li huwa madwar 5 centezmi kull unit (kWh). Malta ghandha obbligu li ma zzidx l-ammont ta' $CO_2$ li tiggenera 'l fuq minn livelli stabbiliti mill-UE – jekk l-pajjiz jiskorri l-livelli stabbiliti jehel multa enormi ta' madwar 400 miljun Ewro. Il-bidla ghall-gass ifisser spejjes u allura prezz aktar gholi ta' l-elettriku – xi haga li l-awtoritajiet qed izommu mistur. Dawn il-fatturi kollha juru bic-car li hemm bzonn aktar efficjenza fil-generazzjoni ta' l-elettriku u li jinfethu l-ispazji biex kull dar f'Malta tipproduci proporzjon ta' l-energija u l-elettriku li jkollha bzonn permezz ta' l-uzu ta' sorsi renovabbli. Investiment f'dan il-qasam ikun ifisser anqas spejjes fil-futur ghall-familji u individwi. Dan is-sett ta' proposti huwa mahsub biex fuq medda ta' 5 snin jaghti spinta jew ahjar 'kick-start' ghal sistemi li jnaqqsu l-uzu ta' l-energija u li jiggeneraw energija nadifa.

## L-ewwel pass – efficjenza

L-ewwel pass fil-politika dwar l-energija hija zieda fl-efficjenza ta' l-iggenerar ta' l-elettriku fil-power stations u minn dawk kollha li juzaw l-elettriku.

Apparat u makkinarju qadim fil-power stations Maltin ifisser li l-efficjenza ta' dawn l-impjanti huwa hija ta' madwar 32%. Dan ifisser li qed naharqu mat-68% taz-zejt litteralment ghalxejn. L-istaprekarju tal-power station tal-Marsa hemm bzonn tissolva malajt kemm jistgha jkun. Fl-1990 saret weghda li din il-power station se taghlaq ghax antikwata – sbatax-il sena wara ghada miftuha, ghad-detriment tas-sahha tan-nies ta' l-inhawi.

**Proposta 1 – Inzidu l-efficjenza bi 15% sa 20% ohra b'investiment f'apparat u makkinarju gdid. It-teknologija tezisti. Anke minhabba l-obbligi ta' Malta, il-modernizzar ta' l-impjani li jiggeneraw l-elettriku huwa inevitabbli.**

## It-tieni pass – investiment u incentivi lill-familji u individwi f'djarhom

L-uzu ta' energija fid-djar huwa punt tat-tluq importanti biex inaqqsu l-pressjoni fuq il-power stations u biex in-nies jgawdu minn sistemi li jghinuhom inaqqsu l-konsum ta' l-elettriku – igawdu huma ghax inaqqsu l-ispejjez u jgawdi ukoll l-pajjiz ghax titnaqqas l-ispiza ghax-xiri taz-zejt.

**Proposta 2 – Programm biex l-uzu ta' bozoz inkandexxenti (bozzoz tal-filament), jinqatghu fi zmien 5 snin. Il-programm jistgha facilment jibda billi titqassam bozza 'energy saving' f'kull dar f'Malta bhala parti minn kampanja ta' edukazzjoni. Ghal sena wahda jitqassmu bozzoz 'energy saving' bi bdil ma ohrajn inkandexxenti lill-familji kollha. Il-bdil ta' miljun bozza ta' 60W b'ohrajn li jaghtu l-istess dawl imma juzaw 11W ikun ifisser tnaqqis ta' 49MW ta' energija – tnaqqis ta' aktar minn 10% tal-'load' fuq l-power station. Din il-mizura tista' tnaqqas l-uzu ta' energija ghad-dawl fid-djar b'madwar 20%-25%.**

Madwar 20% ta' l-energija li tuza familja ta' 4 persuni tintuza biex jissahhan l-ilma. F'pajjiz gar taghna: Cipru, madwar 80% tad-djar ghandhom sistema li ssahhan l-ilma permezz tax-xemx. F'Malta huwa stamt li 8% biss tad-djar ghandhom sistemi simili. Huwa car li l-programmi ta' incentivi li nghataw s'issa ma hallewx l-effett mixtieq. Hemm bzonn li jkun hemm skemi aktar b'sahhithom, tnaqqis fl-uzu ta' l-energija ifisser gwadann ghall-pajjiz.

**Proposta 3 – Fi zmien 5 snin, 50,000 dar u appartament ikollhom sistemi ta' solar water heater. Fil-kaz ta' l-appartementi ghandu jkun iccarat fil-ligijiet li jirregolaw il-kondominji li ghandu jkun hemm access ghall-bejt ghal min jixtieq jinstalla dawn is-sistemi. Ghandu jkun hemm refund totali tal-VAT fuq dawn is-sistemi u ghotjiet sa nofs l-ispiza tas-sistema. Il-parti l-ohra ta' l-ispiza tinghata bhala self b'interessi baxxi li jithallas lura fuq 5 snin. Il-**

**gvern jidhol bi shab mal-banek biex jithejjew skemi ta' self vantaggjuzi. Barra minn hekk min idahhal is-sistema ikun qed jiffranka mill-kont ta' l-elettriku. Il-progett jigi iffinanzjat mill-ispiza li tigi iffrankata, peress li l-konsum ta' l-energija jonqos b'mod sostanjzali jekk jigu installati nurmu kbir ta' dawn is-sistemi. Huwa ragonevoli jekk nghidu li familja tista' tiffranka Lm100 u aktar f'elettriku kull sena.**

Iz-zieda fil-prezz ta' l-elettriku b'madwar 80% f'dawn l-ahhar snin fisser li qed insiru aktar u aktar konxji tal-prezz reali ta' l-energija. Ir-realta li qed tinzamm mistura hija li bil-bidla miz-zejt ghall-gass li se ssir f'Malta l-prezz biex jigi iggenerat l-elettriku mill-power stations se jizdied bil-possibilta li anke l-prezz ghall-konsumatur jizdied.

Sistemi li jiggeneraw l-elettriku mix-xemx fid-djar ikun ifisser anqas piz fuq is-sistema nazzjonali tal-generazzjoni ta' l-elettriku u popolazzjoni aktar konxja tal-bzonn ta' l-efficjenza u l-uzu ghaqli ta' l-elettriku.

Il-Germanja (permezz ta' spinta qawwija mill-hodor f'gvern ta' koalizzjoni), fl-1999 nidiet program '100,000 bejt ghall-energija mix-xemx'. Fis-sena u nofs ta' dan il-programm 100,000 djar fil-Germanja installaw sistemi PV – kapacita ta' 350 MWp. Wara s-success ta' dan il-programm giet varata ligi fl-2004 – L-Att dwar l-Energija Rinovabbli. Il-ligi tistipula li elettriku ggenerat minn sorsi renovabbli ghandu jgib prezz ahjar minn elettriku iggenerat mill-faham, zejt jew gass. Is-sidien ta' djar li installaw pannelli PV u li jipproducu elettriku zejjed bdew jithallsu €0.45c7 kull unit. Din it-tariffa tonqos b'5% fis-sena. Bhala incentiv addizzjonali l-banek statali offrew self minghajr imghaxx ghax-xiri tas-sistemi PV. Il-ligi ukoll kienet ta' success kbir, mis-sena 2000 il-kapacita energetika mix-xems zdiedet hekk:

| |
|---|
| Installazzjonijiet godda.: 2000: 40MW; 2001: 65MW; 2002: 80MW; 2003: 150MW; 2004: 200MW |

F'Malta, m'ghandniex ghalfejn inkunu differenti; anzi l-pozizzjoni geografika taghmilna aktar ideali ghal sistemi PV.

**Proposta 4 – Fi zmien 5 snin, 5,000 dar u appartament ikollhom sistemi *photovoltaic* biex jiggeneraw l-elettriku mix-xemx. Ghandu jkun hemm refund totali tal-VAT fuq dawn is-sistemi u ghotjiet sa Lm750 kull kW, kif ukoll self b'interessi baxxi li jithallas lura fuq 5 snin. Dawk li jiggeneraw elettriku zejjed iggenerat bis-sistemi PV ghandhom jithallsu madwar €0.42c (ca. 18c) kull unit, rata li tonqos b'5% kull sena fuq perjodu ta' 5 snin. Dawn l-incentivi ghadhom iwasslu ghal investiment qawwi f'sistemi PV – li jwassal kemm ghal tnaqqis fil-konsum taz-zejt (jew gass), kif ukoll f'tnaqqis tal-prezzijiet ta' sistemi simili.**

**Proposta 5 – Isir infurzar bis-serjeta tar-regolamenti dwar efficjenza energetika fl-industrija tal-kostruzzjoni. Progetti ta' certu daqs ikollhom l-obbligu li jiggustifikaw l-uzu ta' l-energija u li juzaw l-ispazji tal-bjut biex jiggeneraw l-elettriku. L-uzu ta' solar water heaters isir obbligatorju.**

**Proposta 6 – 'Energy Audits' fid-djar tal-pajjiz kollu. Il-familji jinghataw servizz ta' 'energy audit' u jigu murija kif jistghu inaqqsu l-konsum ta' l-elettriku.**

## It-tielet pass – Energija irhisa mir-rih

**Proposta 7 – Fi zmien sentejn, jitwahhlu minn 4 sa 5 turbini tar-rih b'kapacita ta' 750kW kull turbina. 3.75MW ta' energija bi prezz ta' generazzjoni ta' elettriku ta' 2c kull unit (kWh) – anqas minn nofs tal-prezz ta' generazzjoni kurrenti ta' l-Enemalta, li huwa smat li huwa madwar 5c kull unit.**

L-impatt ta' dawn it-turbini huwa zghir, zgur hafna anqas mill-bini gholi u ikrah li qed jinbena bla bzonn f'pajjiza, u zgur hafna anqas minn power station bic-cmieni iniggsu u jmarrdu n-nies.

## Ir-raba' pass – Id f'id ma' l-industrija u l-ishab socjali

L-industrija thallas madwar 2c5 kull unit ta' elettriku. Dan ifisser li qed nissussidjaw madwar nofs il-prezz li jiswa lill-pajjiz biex jigi iggenerat l-elettriku. Hemm bzonn li industrija tiehu ghajnuna skond l-isforzi li taghmel biex tkun efficjenti fl-uzu ta' l-energija.

**Proposta 8 - Bi ftehim negozjat ma' l-ishab socjali, fosthom ma' l-industrija, il-prezz ghal kull unit jizdied ghal 2c8 fuq perjodu ta' sena u ghal 3c it-tieni sena, bid-dhul addizzjonali jitqieghed f'fond apposta biex jigu implimentati sistemi 'energy saving' u ta' generazzjoni ta' elettriku minn sosrsi rinovabbli fiz-zoni industrijali. Skemi ta' tnaqqis fit-taxxi ghandhom jigu mhaddma ghal inizjattivi ta' investiment li jsir f'sistemi 'energy saving'.**

Il-prezz tal-generazzjoni ta' l-elettriku mill-power stations se joghla, avolja l-gvern qed izomm halqu maghluq. Il-pajjiz mhux se jibqa' jiflah jissusidja l-industrija bil-mod massicc li qed jaghmel bhalissa, min jghid mod iehor ma jkun dizonest – sistemi 'energy saving' u energija rinovabbli ikunu ta' gid ghall-industrija. L-incentivi ghad-djar kif ukoll l-ispinta lejn teknologiji 'energy saving' u ta' energija mix-xemx u r-rih ghandhom iwasslu biex jkabbru s-suq ghal dawn il-prodotti bil-holqien ta' aktar gid u investiment.

Il-gvern ghandu jippubblika l-*Environmental Technologies Action Plan (ETAP)* li suppost ghandu jinkludi pjan car ta' azzjoni ta' kif l-industrija ghandha tigi incentivata biex taddotta teknologija li tnaqqas l-impatt fuq l-ambjent. Dan il-pjan kellu jigi ippubblikat mill-Kunsill Malti ghax-Xjenza u t-Teknologija (*MCST*) fl-2006. Il-potenzjal ta' Malta bhala laboratorju ghal teknolgiji godda f'dan il-qasam huwa kbir. L-effettivita ta' teknologiji godda jistgha jitkejjel mlajr u ahjar f'pajjiz zghir bhal Malta, qabel dawn jigu introdotti fi swieq ferm akbar. Dan huwa qasam fejn jistghu jinholqu mijiet ta' mpjiegi f'settur li dejjem qed isir aktar importanti.

**Proposta 9 – Jigi innegozjat 'Patt dwar it-tibdil fil-klima' bejn l-ishab socjali kollha. Dan ikun jinkludu miri biex l-industriji f'Malta isiru aktar efficjenti fl-uzu ta' l-energija, il-holqien ta' impjiegi godda fil-qasam tat-teknologija energetika, u l-uzu ta' energija minn sorsi rinovabbli fiz-zoni industrijali kollha. Il-Gvern minn naha tieghu juri l-leadership tieghu billi l-bini kollu tal-gvern, inkluz sptarijiet, skejjel u agenziji jaghmlu uzu minn sistemi li jnaqssu l-uzu ta' l-energija, kif ukoll jintuzaw l-ispazji kbar tal-bjut biex jigi iggenerat l-elettriku mix-xemx. Minn atti simbolici l-gvern ghandu jghaddi ghal programmi aktar konkreti ta' uzu aktar bil-ghaqal ta' l-energija.**

**Proposta 10 – Tigi kkunsidrata serjament r-rakommandazzjoni tar-Rapport Appledore (1997) li parti mit-tarzna tigi ristrutturatha f'kumpanija li timmanifattura l-pannelli solari. Dan ir-ristrutturar ghandu jghin biex il-hiliet importanti li jezistu fit-tarzna jigu utilizzati sew f'qasam li dejjem qed izid fl-importanza tieghu: it-teknologija ta' l-energija nadifa.**

## Konkluzjoni

Din hija l-vizjoni ta' Alternattiva Demokratika. Vizjoni fattibbli li taghti spinta fil-mixja kontinwa biex titnaqqas id-dipendenza tal-pajjiz minn sorsi konvenzjonali ta' energija (zejt u gass), billi tizdied l-efficjenza, titnaqqas il-hela, jitnaqqasl-uzu ta' l-elettriku b'teknologija innovattiva u moderna, u jintuzaw is-sorsi kollha possibbli ta' energija rinovabbli: *solar heating, photovoltaics* u energija mir-rih.